MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru 282/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Versus**

**Paul Michael Kavanagh**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Paul Michael Kavanagh ta' 28 sena iben David Leslie Paul u Pauline nee Zammit imwieled l-Ingilterra fit-18 ta' Jannar 1978 li joqgħod fil-fond numru 16 Flat 1 Paola Hill Paola u detentur tal-karta tal-identita' bin-numur 78301L.

Akkużat talli

a) Fl-14 ta' Marzu 2005 fir Triq Burgi, Swieqi, ikkommetta serq ta' oġġetti li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' elf lira Maltin minn ġol-fond Casandra liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Ethelbert u Maria Zammit;

b) kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Ġunju 2004 fi Triq Mattew Pulis Gżira kkommetta serq ta' oġġetti li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitt Lira Maltija iżda anaqas minn elf lira Maltija minn ġo vettura tal-għamla Peugeot 106 bin-numru tar-reġistrazzjoni JAZ 305 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

ċ) kif ukoll talli fl-istess dati u ċirksotanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejejġ misrqua, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjenetement b'kull mod li jkun indaħal sabeix ibiegħ jew imexxi liema oġġetti ġejjin minn reati ta' serq ikkwlaifikati bil-valur;

d) u aktar talli kkommetta reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija fiż-żmien operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Jannar 2003;

e) U finalment talli sar reċediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 783 tas-sena 2001, il-fedina penali tal-imputat (fol 4 et), ir-risposta tiegħu li mhux ħati (fol 16), l-istqarrija tal-imputat tal-21 ta' Jannar 2005 a fol 23 (Spettur Angelo Caruana) , it-tieni stqqarrija tal-imputat tas-16 ta' Mejju 2005 (Spettur Michael Mallia fol 23), u t-tielet stqarrija tal-imputat tat-28 ta' Frar 2006 (Spettur Michael Mallia)(fol 26), is-sentenza tas-6 ta' Frar 2003 li biha l-imputat kien ikkudnannat sentejn priġunerija (prova tar-reċidiva), is-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 2004 li biha kien ikkudnannat sitt xhur priġunerija u Lm200 multa,(prova tar-reċidiva), is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2003 li fiha kien ikkundannat iħalals multa (prova ta-

reċidiva), il-lista tal-affarijiet miksruqa minn Cassandra, Triq Burgi, High Ridge St Andrew's, il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Abigail Lofaro (fol 61 et), il-konferma tal-ħatra tal-esperti maħturin matul l-inkjesta a fol 14, id-dikjarazzjoni ta-ddifiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tal-identifikazzjoni tas-sentenzi esibiti, l-istess lista ta' affarijiet misruqa riprodotta a fol 188, il-valuri għall-istess oġġetti a fol 197, il-currenti incident report a fol 205, il-current incident report a fol 217, id-dikjarazzjoni maħgmula mid-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttellea' lill-PS Manuel Saliba bħala xhud tal-istqarija (fol 213) u li ma kienx hemm għalfejn jitla' jixhed PC 1369 sabeix jippreżwenta l-okkorenza li ienet diġa' ġiet ippreżentata minn WPC 198, l-artikoli mibgħtuin mill-Avukat Ġenerali (fol 237), il-kunsens tal--imputat sabiex huwa jkun iġġudiakt minn din il-Qorti (fol 236), il-ħatra ta' Ivan Portelli bħala espert tal-impronti diġitali, liema ħatra fuq talba tad-difiża (fol 267), ir-rapport imħejji minn Ivan Portelli a fol 275, u l-verbal li fih il-Qorti ddeferiet il-proċess għas-sentenza (fol 279).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skond il-Prosekuzzjoni nhar l-14 ta' Marzu 2005, il-Pulizija kienet infurmata mis-Sur Ethelbert Zammit Cordina li joqħgod f'Cassandra, Triq Burgi, High Ridge Swieqi li x'ħin wasal id-dar fil-11.30 am kein sab diversi oġġetti msiruqa. Kien hemm 'il fqu minn Lm10,000 f'deheb u oġġetti oħra ta' ġojjellerija neqsin kif ukol Lm3000 fi flus kontanti. L-Ispettur kien mar fuq ilo-psot li sabu sgassat u kien hemm diversi kmarar imqallba. Is-serqa kienet seħħet bejn is-7.30 am u l-11.30 am. PS 1374 Edgar Dalli u Joseph Mallia kienu ħadu l-impronti diġitali tal-imputat u kellhom ukoll l-inkarigu li jagħmlu eżami komparattiv. (Fol 18). L-eżamijiet irriżultaw fil-pożittiv. Il-Maġistrat Inkwirenti kienet ordnat lill-Pulziiaj

sabiex jittieħdu passi kontra l-imputat minħabba li l-lifter li kien inġabar mionnn fuq jewel box li kienet fuq ix-xena ta-dedlitt kiet tqabbel b'mod pożitiv mas-sebgħa l-kbir ta' waħda mill-idejn tal-imputat Paul Kavanagh. 9Ara wkoll fol 200 – 201).

6. L-Ispettur Angelo Caruana kien mexxa l-investigazzjoni dwar is-serqa mill-karozza.

7. Fl-istqarrija tal-21 ta' Jannar 2005 l-imputat ammetta li kien seraq CD minn karozza Peugeot 106 ta' kulur abjad mill-Gżira iżda mhux li kien ħa l-flus. (Fol 21). Huwa ma kienx oġġezzjona li jittieħdu l-impronti diġitali tiegħu.

8. Fl-istqarrija tas-16 ta' Mejju 2005 (fol 23) ma wieġeb xejn.

9. Fl-istqarrija tat-28 ta' Frar 2006, għażel jew li ma jweġibx, jew li ma jikkummentax jew li jgħid li kien diġa' ra ħafna 'taħwid fil-Qorti fuq marki tas-swaba u kiegħed jerġa' jarahom issa.' (fol 27)

10. Xehed Joseph Mallia li spjega li l-inkarigu tiegħu kien li jqabbel il-fingerprint form u l-palm print form ma' lifters li kienu jirrappreżentaw fingerprints li nstabu fil-fond Cassandra ġewwa s-Swieqi. Wieħed mill-fingerprints kien jaqbel mas-sebgħa l-kbir tal-id il-leminija tal-istess Paul Kavanagh (fol 60). Huwa kkonferma r-rapport tiegħu. (Ara fol 110) Il-Maġistrat Inkwirenti qablet kompletament mal-konklużjoni li għaliha kien wasal l-espert. (Fol 110 tal-proċess u 51 tal-Proces Verbal). Ara wkoll ir-ritratti spjegativissimi a fol 71 u faċċata tal-proces verbal fejn hemm tal-inqas 14 points of comparison).

11. PS 602 Jonathan Attard ikkonferma r-relazzjoni dwar ir-ritratti meħudin minnu. (fol 135).

12. PS 1374 Edgar Dalli kkonferma li hu kien ħa l-fingerprints tal-imputat. (Ara wkoll fol 181)

13. Paula Carmen Calleja xehdet li kienet sabet is-CD li kellha fil-karozza Peugeot 106 JAZ 305 fuq is-seat waqt li

hi kienet ħalleitha fis-CD player. L-għada ħadet il-karozza għand il-forensika u fuq is-CD kien hemm palm print. Il-karozza kienet sabitha miftuħa. Kien hemm qisu żlieq tal-idejn mat-tieqa. Insterqu flus li missierha kien għadu kif ġab mill-bank u li kienu fil-glove compartment. Kien hemm il-mastercards u l-health card tal-Awstralja. Kien hemm ukoll il-card tal-Qantas Airlines. Bħala flus kien hemm f'Australian currency 75 dollars. Imbagħad kien hemm Lm50 Maltin. Mill-Mastercard kien leħqu inġibdu Lm1100. L-istereo kein jiswa bejn Lm25 u Lm30.

14. A fol 202, WPC Jennifer Caruana xehdet li fil-25 ta' Ġunju 2004, ċerta Paula Carmen Calleja kieent marret tagħmel rapport dwar is-serqa li saret mill-vettura tagħha. Hija kkonfermat l-ammonti ta' flus misruqa (fol 203). Id-dasboard kien sgassat u kien hemm xi fingerprints ma' tieqa minnhom. (Ara wkoll il-current incident report a fol 205).

15. Xehed Ethelbert Zammit Cordina li kkonferma li meta wasal lura fil-11.30 am huwa kien ra kaxxa fuq il-gradenza li kienet daqasxejn miftuħa. Kien insteraq kważi d-deheb kollu. Huwa qal li huma ma kinux esperti pero' indunaw li l-figura taqbeż l-Lm20,000. Flus kienu nsterqu wkoll iżda ma kienx jaf kemm. Insterqet investa beix iġorr il-malvivent iġorr kollox fiha. Id-deheb kien ippakkjat fuq ġo kaxxa ovali iżda dina sabha fil-kuritur. Huwa sab il-persjani mksirrin u l-verandah miftuħa. Lill-imputat qatt ma kein daħħlu ġo daru. (Fol 148 – 149).

16. Xehdet Marija Zammit Cordina li ddeskriviet is-sitwazzjoni fid-dar malli waslet. Kaxxi ma' kullimkien. Insterqet saħansitra fwieħa li tiswa l-flus. Ittieħed flixkun tal-fwieħa Christian Dior li jsiwa Lm100. Il-bagalja bid-deheb li kien fiha qabel is-serqa lanqas kienet tingħalaq. Lill-Pulizija kienu qalulhom li kein insteraq deheb li jiswa Lm10,000. Wara ndunaw li kien ittieħed deheb b'valur tga' aktar minn Lm20,000. Ittieħed deheb li kienet qalgħetu fil-magħmudija tagħha. Ix-xhud qalet:

'Ħadli kollox. Ħadli kollox.'

Hija kkonfermat li l-lista tal-affarijiet misruqa kienet kitba tagħha u li kien insteraq aktar minn hekk.

17. Kienu nsterqu wkoll basket bil-parcels tal-fidda. (fol 154). B'ċerti affarijiet neqsin indunaw sena wara. Fiweħea kienu nsterqu xi erba' bottles. Qatt ma kienet silfet id-deheb lil xi ħadd. Lill-imputat qatt ma kienet daħħlitu d-dar.

18. Meta reġgħet xehdet (14 ta' Marzu 2007) a fol 184 ix-xhud spjegat li kienet marret għand Azzopardi Jewellers kif ukoll għadn Intergold Company minn fejn kienu nxtraw l-affarijiet. Il-Lista titla' għal -Lm24,000 - pero' l-valur xorta jista' jkun ogħla. Hija kellha ttih d-dettalji b'diversi modi beix tispjega x'kine insteraq. (fol 185). Hija ppreżentat il-karta kif maħduma minn Victor Azzopardi u li turi figura 'l fuq minn Lm21,628 (ara fol 199 fejn wara t-total jidhru figuri oħrajn).

19. Xehed a fol 227 et is-Sur Joseph Azzopardi ta' Victor Azzopardi Jewellers us pejga bil-ġurament kif kienu waslu għal ċerti figure. Huwa semma bħala eżempju gran spinal ta' 60 pulzier li kien jsiwa Lm3000. Il-Qorfti rreferietu wkoll għad-diamond cluster (fol 229) li kkonferma li kien jiswa Lm1250. Huwa xehed ukoll li d-derubata qatt ma reidet tbiegħ xi ħaġa mid-deheb li kellha. (fol 231).

20. L-Ispettur Angelo Caruana kkonferma li kien sar rapport minn ċerta Paula Calleja li din kellha l-karozza tagħha sgassata u li minnha nsterqu ammont ta' CD's u xi ammont ta' flus Awstraljani. L-imputat ma kienx ammetta li seraq il-flus. (fol 163).

21. A fol 225 Christopher Darmanin tad-Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet ikkonferma li l-karozza JAZ 305 tal-għamla Peugeot 106 kulur abjad kienet reġistrata f'isem Paul Calleja.

22. PS 1525 Patrick Farrugia kien inħatar mill-Maġistrat inkwirenti sabiex jagħmel l-eżamijiet għall-impronti diġitali fuq il-post 'Cassandra' fl-14 ta' Marzu 2005. Huwa ġibed il-konklużjonijiet tiegħu u ppreżenta r-rapport a fol 80 tal-

proċess. Kien sab l-impronti fuq handbag li kien miftuħ fil-kamra tas-sodda. Sab impronti minn fuq kaxxa żgħira tal-plastic li kienet fil-kamra tas-sodda u impronti oħra minn fuq kaxxa żgħira tal-jewellery. (fol 167).

23. PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1337 Curmi xehdu li kienu ħadu lill-imputat fuq il-post fejn saret is-serqa. L-imputata beda jinsisti li ma kien jaf b'xejn u ma riedx imur. Meta waslu viċin tar-residenza baqa' jbaxxi rasu.

24. L-Ispettur Carmelo Abdilla xehed li fis-serqa tal-post Cassandra kien hemm sgass tal-bieb tal-ħadid kif ukoll ta' xi louvers. Huwa kkonferma li kien insterqu b'madwar Lm10,000 f'deheb u xi tlitt elef liri Maltin (Lm3000).

25. Il-Perit Richard Aquilina kien ikkonferma r-relazzjoni tiegħu a fol 89 tal-process. (Ara fol 179).

26. PS 1492 ikkonferma l-okkorenza fejn hemm ir-rapport minn għand is-sur Albert Zammit (fol 217).

27. Fuq talba tad-difiża inħatar espert biex jieħu l-impornti diġitali tal-imputat u jagħmel eżami komparattiv ma' dak li kienu sabu l-Pulizija. Huwa kien awtorizzat jirtiera minn fol 80 sa 85.

28. L-importanti diġitali tal-imputat ittieħdu seduta stante.

29. Fid-19 ta' Jannar 2009, l-espert mitlub mid-difiża esebixxa d-dok IP u rritorna l-esibiti li kienu rtirati minnu stess sabiex jagħmel l-analiżi.

30. L-espert xehed fl-istess data u qal hekk:

''Filwaqt li fid-dokument l-ieħor 05 AWJ 303 ġie identifikat mas-subgħa l-kbir ta' l-id il-leminija ta' Paul Michael Kavanagh.' (Fol 272).

31. Fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2009 id-difiża ddikjarat li l-imputat ma kienx ser jixhed u ma keinx hemm provi in difeża. Saret it-trattazzjoni u l-kawża kienet differita għas-17 ta' Ġunju 2009 għas-sentenza.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

32. Dwar l-ewwel imputazzjoni, jiġifieri s-serqa mir-residenza Cassandra , Triq Burgi, Swieqi, il-prova prinċipali tal-Prosekuzzjoni u li wasslet ukoll lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jinbdew proċeduri kontra l-imputat tikkonsisti fit-tqabbil bejn l-impronti diġitali tal-imputat u dak li nstabu fuq il-post fejn saret is-serqa. L-espert maħtur waqt l-inkjesta (ara wkoll fol 126 tal-proċess jew 67 tal-proċess verbal) wasal għall-konklużjoni li hemm qbil bejn il-marka tas-subgħa l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat u l-marka li tidher fil-lifter document 05 AWJ 303. L-eżami huwa msejjes fuq erbatax-il point of comparison li l-Qorti kellha ċans tara u tqabbel. Il-Qorti qed taqbel mal-konklużjonijiet tal-espert li kien maħtur matul l-inkjesta.

33. Id-difiża talbet il-ħatra ta' espert ieħor. Il-Qorti laqgħet din it-talba. Dan l-espert ukoll 14 points of comparison u għamel l-istess konklużjoni jiġiferfi li d-dokument 05 AWJ 303 kien identifikat mas-saba' l-kbir tal-id il-leminija ta' Paul Michael Kavanagh.

'Għaldaqstant ir-riżultat ta' dan l-eżami komparattiv huwa wieħed pożittiv.'

34. Kif ingħad filp-każ Ingliż 'R v Castleton'

**'a person may be identified by fingerprints alone.'**[1]

Filfatt il-Qorti ma fehmitx is-sottomissjoni tad-difiża li m'hemmx qbil biżżejjed fl-imronti diġitali. Ħafna mill-qbil konstatat miż-żewġ esperti jista' wieħed jasal għalih mingħajr l-għajn esperta u l-Qorti m'għandha ebda dubju li l-impronta diġitali misjuba fuq il-post tas-serqa hija tal-imputat u ta' ħadd aktar. Barra dan il-points of comparison ma kinux tnejn jew tlieta biss iżda 14 li huwa akbar mill minimu ta' tmienja suġġeriti fil-każ Ingliż 'R v Buckley' - Qorti tal-Appelll 163 J.P. 561. [2]

[1] 3 Cr.App.R 74 CCA: Ara Archbold pages 1333 u 1334 edition 2003.
[2] Archbold 2003 edition page 1334.

35. L-imputat qatt ma kien mistieden id-dar mid-derubati u din l-impronta diġitali nstabet propja dak in-nhar li saret serqa massiċċa. Ma jistax ikun li jkun hemm din il-kumbinazzjoni kollha mingħajr mal-imputat ma kien preżenti waqt is-serqa.

36. Il-Qorti għandha prova wkoll li dan is-serq huwa kkwalifkat bil-mezz għax kien hemm l-isgass kif ukoll bil-valur għax dan jiżboq il-mitt Lira Maltija (€234). Il-Qorti setgħet tara jixhdu kemm il-vittmi ta' din is-serqa kif ukoll ta' min għamel il-valutazzjoni tas-serqa. Din saret bi skruplu u b'reqqa kbira u għalhekk m'għandha ebda dubju li s-serqa ammontat għal aktar minn Lm20,000 jew €46 800.

37. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontrih.

38. It-tieni imputazzjoni. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat ammetta li kien fetaħ il-Peugeot ta' kulur abjad mill-Gżira u minn ġo fiha kien seraq CD. Iżda ħalef li wallets bil-flus ma kienx ħa. Bir-rispett kollu lill-imputat ma temmnux li ma seraqx il-flus ukoll. Mhux biss kien hemm l-isgass – li ġie ippruvat mix-xhieda – iżda rriżulta li l-imputat kien seraq 75 Australaian Dollars, Lm50 Maltin u mill-mastercard ħa Lm1100. Kien ippruvat ukoll l-aggravju tal-ħin għaliex jidher li Paula Carmen Calleja ntebħet bis-serqa fis-2.00am. Il-karozza kienet ipparkjata fil-23.30 pm. L-aggravju tax-xorta tal-ħaġa kien ippruvat ukoll għaliex is-serq sar minn karozza. Għalhekk it-tieni imputazzjoni kienet ippruvata fl-intier tagħha u l-Qorti qed issib lill-imputat ħati tagħha.

39. It-tielet imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel tnejn. Għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħha.

40. Ir-raba' imputazzjoni – dwar li l-imputat wettaq reati meta kien għaddej perjodu ta' sentenza sospiża. Effettivament fis-sentenza tad-9 ta' Jannar 2003, l-imputat kien ikkundanant għal sentejn priġunerija li ma kellhiex

isseħħ qabel il-perjodu ta' erba' snin. Dan kien ifisser li sat-8 ta' Jannar 2007, l-imputat ma seta' jwettaq ebda reat. Effettivament jirriżulta li l-imputat wettaq reati fl-14 ta' Marzu 2005 u fil-24-25 ta' Ġunju 2004. Dawn ir-reati saru fiż-żmien operattiv tas-sentenza sospiża. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

41. Il-ħames imputazzjoni – dwar ir-reċidiva – jirriżulta mis-sentenzi mogħtija li dawn kienu pieni ta' priġunerija u/jew multi u li keinu ngħataw fi żmien anqas minn ħames snin minn meta twettqu r-reati. Isegwi għalhekk li l-imputat huwa ħati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

## Konklużjoni

42. Wara li rat l-artikoli 262(b), 261(c), 261(e), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9; l-artikolu 325 tal-Kap 9; l-artikoli 261(b), 261(ċ), 261(f), 261(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap 9; 334 (a) tal-Kap 9; 49, 50 u 289 tal-Kap 9; 28A sa 28H tal-Kap 9; 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u l-ħames imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel u għat-tieni imputazzjoni.

43. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis l-ammont kbir involut fiż-żewġ serqiet, li l-imputat wettaq dawn ir-reati fi żmien ta' sentenza sospiża, li huwa reċediv u li ġiegħel lil waħda mid-derubati tbati t-telfien ta' dawk it-tifkiriet li kienu l-aktar għeżież għaliha . Għat-tieni imputazzjoni qed tapplika l-artikolu 18 tal-Kap 9 waqt li għar-raba' imputazzjoni qed tapplika l-artikolu 28B(1) tal-Kap 9 u ġġib is-sentenza sospiża ta' sentejn fis-seħħ.

44. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal sentenza komplessiva ta' priġunerija ta' sitt snin u nofs li tinkludi fiha s-sentejn priġunerija li qabel kienu sospiżi għal erba' snin. Minn dan il-perjodu ta' priġunerija għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv.

45. Ai fini tal-artikolu 533, il-Qorti:

(i) Mhix tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesta li saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006; iżda

(ii) qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert Ivan Portelli, mitlub mill-imputat stess, liema spejjeż jammontaw għal €387.75. L-ispjjeż għandhom jitħallsu fi żmien xahar fil-lum. Jekk jibqgħu ma jitħallsux, dawn għandhom jinbidlu f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------